VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,710, 10 ta' Jannar, 2017
Taqsima B

A.L. 5 tal-2017

ATT DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni tal-kunsill tal-pagi għan-negozji bl-ingrossa u bl-imnut biex jirregola l-pagi

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 48 (2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili għamlet dan l-Ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni tal-kunsill tal-pagi għan-negozji bl-ingrossa u bl-imnut biex jirregola l-pagi u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordnital-kunsill tal-pagi għan-negozji bl-ingrossa u bl-imnut, aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Ordni prinċipali". L.S.452.63.

Jemenda l-paragrafu 1 tal-Iskeda mal-Ordni.

2. Fil-paragrafu 1 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali, it-tifsira "nofs ta' nhar" għandha tiġi mħassra.

Jemenda l-paragrafu 2 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali.

3. Il-paragrafu 2 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-parafrafu ġdid ġej -

"**2.** L-inqas rimunerazzjoni fil-ġimgħa li titħallas lil-impjegati whole-time għandha tkun relattiva għal ġimgħa ta' mhux iżjed minn erbgħin siegħa mifruxin fuq sitt ijiem:

Iżda is-sigħat ta' xogħol ta' għassiessa għandhom ikunu relattivi għal ġimgħa ta' mhux iżjed minn sittin siegħa mifruxin fuq sitt ijiem.".

Jemenda l-paragrafu 5 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali.

4. Il-paragrafu 5 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subparagrafu (1) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) is-subparagrafu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej -

"(2) L-impjegati *whole-time* kollha ikunu intitolati għall-inqas għal ġurnata waħda ta' mistrieħ f'kull ġimgħa kalendarja.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda l-paragrafu 6 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali.

5. Is-subparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu 6 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali għandhom jitħassru u s-subparagrafi (d), (e) u (f) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subparagrafi (b), (ċ) u (d) rispettivament.

Iżid l-paragrafu ġdid 6A mal-Ordni prinċipali.

6. Minnufih wara l-paragrafu 6 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali, għandu jidħol il-paragrafu ġdid 6A kif ġej-

"**6A**. (1) Impjegati li fir-rigward tagħhom japplika dan l-Ordni ikunu obbligati jaħdmu l-Ħdud biss jekk ikunu taw il-kunsens bil-miktub li huma jaħdmu l-Ħadd lill-prinċipal.

(2) Għandhom ikunu biss dawk l-impjegati li jkunu taw il-kunsens tagħhom skont dan il-paragrafu li jkunu obbligati li jaħdmu il-Ħadd. It-tali impjegati għandhom jitħallsu skont paragrafu 6 tal-Iskeda.

(3) L-ebda impjegat ma għandu jkun soġġett għal kwalunkwe żvantaġġ, theddida jew tkeċċija mill-prinċipal minħabba l-fatt illi ma jagħtix jew ma tax il-kunsens tiegħu biex jaħdem il-Ħadd skont dan il-paragrafu.

(4) Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal dawk l-impjegati li huma obbligati li jaħdmu il-Ħdud skont prerekwiżit fil-kuntratt tal-impieg jew fid-dikjarazzjoni bil-miktub li jridu jsiru skont l-Att jew il-leġislazzjoni sussidjarja.".

Jemenda l-paragrafu 7 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali.

7. Fil-paragrafu 7 tal-Iskeda mal-Ordni prinċipali, il-kliem "is-subparagrafi (1) u (2) tal-" għandhom jiġu mħassra.